TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 229/13/GB

**Joseph Portelli**

**vs**

**Marlon Debattista - Domal**

Illum 27 ta' Novembru 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fid-9 ta' Ottubru, 2013 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' elf u mitejn Ewro (€1,200.00), rapprezentanti l-prezz li huwa hallas ghal sett ghamara tal-kamra tas-sodda, li nxtara minghand l-intimat, liema sett ghamara kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Huwa kien xtara sett ghamara tal-kamra tas-sodda minghand l-intimat fl-ahhar ta' Frar 2013, li kien gie kkonsenjat lilu fil-bidu ta' Marzu 2013. Dan is-sett jikkonsisti f'sodda, zewg gwardarobbi, zewg kommodini u gradenza. Meta giet konsenjata din l-ghamara lir-rikorrent, kienet tidher f'kundizzjoni tajba u ma kien jidher ebda difett fiha.

Il-prezz ta' dan is-sett ghamara kien ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500.00). Ir-rikorrent hallas depozitu ta' erbgha mitt Ewro (€400.00) mal-ordni, u bilanc ta' tmien mitt Ewro (€800.00) mal-konsenja.

Għall-ħabta ta' Ġunju 2013, ir-rikorrent innota li bdew ħerġin difetti fl-għamara. Kull fejn l-injam huwa inkullat, il-biċċiet tal-injam ckienu u bdew joħorġu. Il-biċċiet kollha ġralhom hekk.

Ir-rikorrent mill-ewwel ilmenta dwar dan ma' ċertu Marlon, li miegħu kien tkellem fis-showroom tas-soċjeta' ntimata. Dan wiegħedu li kien ser imur jara l-għamara u l-kundizzjoni tagħha għand ir-rikorrent, pero' baqa' ma marx, la hu, u lanqas ħadd mis-soċjeta' ntimata. Ir-rikorrent mar b'kollox tlett darbiet jilmenta għand is-soċjeta' ntimata, u kellimhom diversi drabi bit-telefon, dejjem jitlobhom jirrimedjaw. Pero' baqgħu ma għamlu xejn, u lanqas biss marru jaraw id-difetti. L-aħħar li r-rikorrent kellem lis-soċjeta' ntimata b'dawn l-ilmenti tiegħu kien fit-13 ta' Awissu 2013.

Billi s-soċjeta' ntimata baqgħet ma għamlet xejn, u ma rrimedjatx, ir-rikorrent għamel ilment mal-Uffiċċju tal-Konsumaturi.

Ir-rikorrent jitlob li s-soċjeta' ntimata tieħu lura l-għamara difettuża u tirrifondilu s-somma sħiħa ta' elf u mitejn Ewro (€1,200.00) imħallsa minnu bħala parti mill-prezz tal-istess. Dan peress li l-għamara imsemmija, bid-difetti li ħarġulha, mhix tajba għall-iskop li r-rikorrent akkwistaha.

Ir-rikorrent ezebixxa dokumentazzjoni relattiv.

**Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija qiegħda tikkontesta din it-talba għaliex ir-rikorrent ried sett tas-sodda irħis, u billi kien fih xi difetti bħal grif u qsim, ir-rikorrent kien qalilha li ma jimpurtahx għax hu xogħlu kien li jirrestawra l-għamara, jdurhom u jillustrahom. Illi għalhekk is-soċjeta' ntimata kienet tagħtu prezz tajjeb u kitbet li kienet qed tinbiegħ tale quale, għaliex kien fiha l-ħsara. Tant ir-rikorrent ried l-irħas, li meta saret il-konsenja, kien hemm gwardarobba minnhom differenti mill-oħra, u r-rikorrent kien ċempel lis-soċjeta' ntimata fejn hija riedet tbiddel din il-gwardarobba, pero' r-rikorrent ipprefera illi jiena nirranġa l-prezz u żamm tliet mitt Ewro (€300.00) oħra mill-kont.

Wara li s-soċjeta' ntimata damet iċċempel lir-rikorrent iktar minn erbgħa xhur għall-flus u għall-gwardarobba, ir-rikorrent mar il-ħanut fejn qal li ma riedhiex. Is-soċjeta' ntimata ma kellhiex għalfejn tmur tara l-għamara, għaliex kemm hi kif ukoll ir-rikorrent kienu jafu x'fiha.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda ġuramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verżjoni tiegħu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa setta ta' tnax-il ritratt, li ġew immarkati bħala Dok.JP1.

Xehdet Tessie D'Amato, prodotta mir-rikorrent, fejn bil-gurament hija stqarret illi kienet marret mar-rikorrent biex jixtru l-ghamara u kien ghogobha l-ghamara tas-socjeta' ntimata. Hija ma nnutatx li kellha xejn hazin. Meta gabu l-gwardarobba, kienet differenti. Stqarret illi bdew jinnutaw li l-komodini u ghamara ohra bdew jinqasmu.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata taghha, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn fil-kontro-ezami taghha, hija stqarret illi d-difetti li jidhru f'xi whud mir-ritratti mmarkati Dok.JP1 zgur kienu hemm fis-showroom, pero'rigwardanti d-difetti li jidhru f'xi whud ohra mir-ritratti, ir-raguni tista' tkun illi resqu l-panew.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess u wara li ha konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, jaghmel referenza ghar-ritratti ezebiti u mmarkati bhala Dok.JP1, flimkien ma' l-ammissjoni da parte tas-socjeta' ntimata illi kienu biss xi whud minn dawn id-difetti illi kienu prezenti meta sar il-bejgh, u jikkonkudi illi tali stqarrija taghti lok ghal ammissjoni tacita da parte tas-socjeta' ntimata illi d-difetti l-ohra hargu wara li sar il-bejgh, u li ghalhekk kienu difetti latenti u mhux difetti rizultanti minn bejgh li sar tale quale u bil-kunsens tar-rikorrent. Illi ghalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrent, u jordna lis-socjeta' ntimata tiehu lura s-sett ghamara tal-kamra tas-sodda in kwistjoni u thallas l-ammont ta' elf u mitejn Ewro (€1,200.00) lir-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra s-socjeta' ntimata.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**